# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)**

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 31 ta' Lulju 2025**

**Nru. 1**

**Rikors Nru. 351/2024 HM**

## Mark Anthony Cardona

**v**

## L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat

### Fil-qosor

1. Ir-rikorrent, Mark Anthony Cardona, qiegħed jilmenta li ma ngħatax smiegħ xieraq fil-proċeduri kriminali li wasslu sabiex jinstab ħati ta' numru ta' reati, u dana bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ('Konvenzjoni Ewropea'). Dan għaliex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali allegatament estendiet l-inkarigu tal-espert tal-qorti meta l-provi tal-partijiet kienu magħluqa u l-kawża kienet posposta għas-sentenza. Skontu dan jammonta għall-ksur tal-prinċipji ta' indipendenza u imparzjalità u ta' parità fl-armi (*equality of arms*) għaliex effettivament ippreklud ih milli jikkontesta l-provi ġodda ppreżentati mill-espert, liema provi kellhom effett deċiżiv fuq l-eventwali sejbien ta' ħtija tiegħu.

2. Il-konvenuti jwieġbu li l-kjarifiċi li għamel l-espert fuq it-talba tal-qorti m'ammontawx għal provi ġodda, ma kkostitwewx ksur tal-liġi tal-proċedura jew tal-prinċipji hawn fuq imsemmija, u ma kienux determinanti għas-sejbien ta' ħtija fil-konfront tar-rikorrent. Huma jargumentaw li l-proċeduri jridu jiġu evalwati fl-assjem tagħhom u mhux fil-kuntest ta' fażi iżolata, u li l-protezzjonijiet proċedurali li kienu disponibbli lir-rikorrent fil-kors tal-proċedimenti assiguraw proċess xieraq u smiegħ ġust.

**Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

3. Fil-11 ta' Jannar 2019, ġiet innominata l-Maġistrat inkwerenti Dr Simone Grech biex twettaq inkjesta dwar serqa bi vjolenza li kienet seħħet dakinhar minn ġewwa residenza f'Ħal-Qormi. Waqt din l-inkjesta *in genere* ġie maħtur Keith Cutajar (espert fil-forensika ) "bħala espert tekniku sabiex jagħmel l-eżamijiet kollha relattivi għal każ u jirrelata bil-miktub dwar ir-riżultanzi tiegħu",[1] speċifikament biex (i) jeleva l-filmati kollha minn CCTVs; (2) jippreżenta u jeżamina l-istess filmati u joħroġ *stills* minnhom; u (3) jirrelata bil-miktub lill-qorti.

4. Fit-30 ta' Jannar 2019 ir-rikorrent, Mark Anthony Cardona, u imputat ieħor, tressqu taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti struttorja, akkużati talli nhar il-11 ta' Jannar 2019, għall-ħabta ta' bejn 12:00hrs u 13:45hrs:

   i. ikkommettew serq ta' flus u ġojjellerija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li jeċċedi l- elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu tal-familja Sammut u/jew ta' xi persuna/i oħra;

   ii. bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill- każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill- ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Anna Sammut kontra l-volonta' tagħha;

   iii. ikkaġunaw ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Anna Sammut hekk skont kif iċċertifika Dr. Kauson MD miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Qormi;

   iv. ġarrew 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija; u

   v. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saru reċidivi ai termini ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.[2]

---

[1] Ara l-proces-verbal tal-25 ta' Marzu 2019 fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġni 214-217.
[2] Ara l-att t'arrest tat-30 ta' Jannar 2019 fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġni 1-2.

5. Fil-5 ta' Frar 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala qorti struttorja, estendiet l-inkarigu ta' Keith Cutajar u dana sabiex:-

> "1) Issir analiżi fuq mobajl phones u jinħarġu il-kontenut flimkien mal-call profiles, localisation u l-kontenut mill-1 ta' Jannar 2019 sal-aħħar ta' Jannar 2019;
>
> 2) Jirrelata bil-miktub lil din l-Onorabbli Qorti."[3]

6. Fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019, Keith Cutajar ippreżenta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti struttorja, ir-rapport tiegħu dwar l-inkarigu mogħti lilu fil-5 ta' Frar 2019.[4] F'Appendiċi 1 tar-rapport, ġew ippreżentati f'format diġitali, il-*call logs, geo-localisation data,* ir-ritratti, il-videos u l-*browser history* li ġew estratti mill-mowbajls, l-*sd cards* u s-*sim cards* elevati mill-Pulizija, bl-użu ta' *forensic extraction software*. Ġew ippreżentati wkoll, fir-rigward tas-*sim cards* elevati, u għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Jannar 2019, informazzjoni pprovduta mill-GO plc u mill-Vodafone Ltd rigward il-*call logs, sms logs, geo-localisation data* u d-dettalji ta' fuq min huma rreġistrati *sim cards* rispettivi.[5] F'dik is-seduta, Keith Cutajar ikkonferma r-rapport taħt il-ġurament u l-imputati rriservaw il-jedd ta' kontro-eżami.[6]

7. Fis-seduti tat-18 ta' Diċembru 2019,[7] u tas-27 ta' Jannar 2020 ingħalqu l-provi tal-uffiċjali prosekuturi (l-ispetturi) u nqraw l-artikoli.[8]

8. Fil-5 ta' Frar 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti struttorja għalqet il-kompilazzjoni tal-provi kollha miġjuba kontra l-imputati u ddeċidiet li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex dawn jitqiegħdu taħt att t'akkuża.[9] B'hekk hija bagħtet lill-imputati biex joqgħodu taħt dawk l-atti quddiem il-qorti kompetenti u ordnat li l-atti tal-kumpilazzjoni flimkien mal-oġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-ħtija, jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-liġi. Iżda l-ġbir ta' provi kompla hekk kif tressqu numru ta'

---

[3] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati fis-seduta tal-5 ta' Frar 2019, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġni 9-10.
[4] Ara r-rapport tal-espert Keith Cutajar fir-rigward tal-inkarigu mogħti lilu fil-5 ta' Frar 2019, ippreżentat fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġni 138-173.
[5] Ara l-Appendiċi 1, ippreżentata f'pendrive, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġna 174.
[6] Ara x-xhieda tal-espert Keith Cutajar fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġni 136-137.
[7] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2019, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġna 533.
[8] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2020, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġni 563.
[9] Ara d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati fil-5 ta' Frar 2019, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġna 65.

talbiet mill-Avukat Ġenerali skont l-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex qabel l-imputati jitqiegħdu taħt att t'akkuża, isiru xi mistoqsijiet ulterjuri lil kwalunkwe xhieda li kienu diġà nstemgħu jew lil xi xhieda ġodda. Dawn saru fis-7 ta' Marzu 2019,[10] fit-12 ta' April 2019,[11] fis-6 ta' Ġunju 2019,[12] fil-25 ta' Lulju 2019,[13] fis-27 ta' Awwissu 2019,[14] fl-4 ta' Ottubru 2019,[15] fil-15 ta' Novembru 2019,[16] u fis-6 ta' Diċembru 2019.[17] Fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2019, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellha l-ebda provi oħra.[18]

9. Fl-20 ta' Jannar 2020, l-Avukat Ġenerali ddikjarat li, mill-provi esibiti, setgħet tinstab ħtija ta' Mark Anthony Cardona u tal-imputat l-ieħor u reġgħet bagħtet l-atti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sabiex f'nuqqas ta' oġġezzjoni tal-imputati u skont l-artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9, din tiddeċiedi fuq l-akkużi ta' ħtija.[19]

10. Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2020,[20] wara li reġa' ġie ddikjarat mill-Prosekuzzjoni li m'għandhiex aktar provi u nqraw l-artikoli, l-imputati taw il-kunsens tagħhom sabiex il-kawża titkompla tinstema' u tiġi deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali. Ġew appuntati s-seduti tat-12 ta' Frar 2020,[21] tat-8 ta' Ġunju 2020,[22] u tal-15 ta' Lulju 2020 għall-provi tad-difiża.[23]

---

[10] Ara t-talba tal-Avukat Ġenerali fis-7 ta' Marzu 2019, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġna 68.
[11] Ara t-talba tal-Avukat Ġenerali fit-12 ta' April 2019, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġna 203.
[12] Ara t-talba tal-Avukat Ġenerali fis-6 ta' Ġunju 2019, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġna 382.
[13] Ara t-talba tal-Avukat Ġenerali fil-25 ta' Lulju 2019, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġna 483
[14] Ara t-talba tal-Avukat Ġenerali fis-27 ta' Awwissu 2019, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġna 490.
[15] Ara t-talba tal-Avukat Ġenerali fl-4 ta' Ottubru 2019,fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġna 516.
[16] Ara t-talba tal-Avukat Ġenerali fil-15 ta' Novembru 2019, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġna 529.
[17] Ara t-talba tal-Avukat Ġenerali fis-6 ta' Diċembru 2019, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġna 532.
[18] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2019, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġni 533.
[19] Ara d-dikjarazzjoni tal-Avukat Ġenerali fl-20 ta' Jannar 2020 fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġni 561-562.
[20] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2020, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġna 563.
[21] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati fis-seduta tat-12 ta' Frar 2020, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġna 564.
[22] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2020, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġna 568.
[23] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2020, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġna 570.

11. Fil-15 ta' Lulju 2020 instemgħet ix-xhieda tal-*probation officer* tar-rikorrent.[24] Jidher li d-difiża ma kellhiex provi oħra xi tressaq għaliex dakinhar ġiet appuntata s-seduta tal-24 ta' Lulju 2020 għat-trattazzjoni finali.

12. Saret it-trattazzjoni finali,[25] u l-kawża tħalliet għall-5 ta' Ottubru 2020 għas-sentenza. Iżda permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Awwissu 2020,[26] il-qorti irrikjamat l-kawża għas-26 ta' Awwissu 2020 u talbet li f'dik is-seduta jidher l-espert Keith Cutajar biex jikkjarifika, u jwieġeb, dwar xi aspetti tarr-rapport tiegħu tal-11 ta' Marzu 2019. Keith Cutajar ma setax jidher fis-26 ta' Awwissu 2020. Għalhekk fis-6 ta' Awwissu 2020, il-qorti ħarġet digriet ieħor,[27] fejn ordnat lil Keith Cutajar sabiex b'nota ġuramentata, u wara li "jikkonsulta mal-informazzjoni annessa mar-rapport minn tiegħu", huwa:-

> a). "jikkjarifika ma liema call numbers huma abbinati l-ICCIDs li taghhom inghatat il-call profile data Ii tinsab f'Appendici 1 fir-rapport tieghu, u cioe' l- ICCIDs numri 2100 0502 0285 271 u 2100 0501 8467 121 (GO) u 8935 6012 0170 3541 0256· (Vodafone);
>
> b). jindika, skond dak Ii jirrizulta mir-relazzjoni tieghu fejn hemm indikati l- esebiti relattivi ghal kull imputat, liema dokument (device/s) huma abbinati mal-ICCIDs imsemmija tenut kont li Dok. FF3 hu ndikat li nstab ghand Briffa,[28] u Dok.FF7 gie ndikat mill-evidence bag relattiv li nstab ghand Cardona;[29]
>
> c). in vista tal-call profiles annessi u formanti parti tar-rapport tieghu,[30] jaghmel lista taI-exchanges (messaggi u telefonati inkluz missed calls) li kien hemm bejn:
>
> (i) il-call numbers appartenenti ghad-devices li nstabu ghand l-imputati Cardona u Briffa;
>
> (ii) il-call numbers 79036607; 99699161 u 77647570 u n-numri 99948152 u/ jew 99144941; u
>
> (iii) il-call numbers 79036607; 99699161 u 77647570 u n-numri 79359367 u/jew 79359373."[31]

---

[24] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2020, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġna 570.
[25] Ara t-trattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2020, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġni 638-644.
[26] Ara d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati fl-4 ta' Awwissu 2020, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġna 638.
[27] Ara d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati fis-6 ta' Awwissu 2020 fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġni 639-640.
[28] Vide rapport Dok. KC a fol.134-145.
[29] Fol.153.
[30] Dok.KC a fol.138 et seq.
[31] Is-sub-inċiż (a) u (b) huma identiċi għal dawk li ġew indikati mill-Qorti tal-Maġistrati fid-digriet tal-4 ta' Awwissu 2020. Iżda s-sub-inċiż (ċ) huwa aktar dettaljat minn dak indikat fl-ewwel digriet, li kien jipprovdi biss:- "c) in vista tal-call profiles annessi u formanti parti tar-rapport tieghu, jaghmel lista taI-exchanges (messaggi u telefonati inkluz missed calls) li kien hemm bejn il-call numbers appartenenti ghad-devices li nstabu ghand l-imputati Cardona u Briffa."

13. Keith Cutajar ippreżenta t-tali nota fis-6 ta' Awwissu 2020, fejn wieġeb hekk:-

> "Illi skond rekweżit (a), il-call profile data li tinsab f'Appendiċi 1 fir-rapport tal-esponent, huma ta' dawn in-numri hawn isfel msemmija:
>
> - ICCID tas-socjeta' GO plc bl-lCCID 2100 0502 0285 271 huwa tal-MSISDN 79036607;
> - ICCID tas-socjeta' GO plc bl-lCCID 2100 0501 8467 121 huwa tal-MSISDN 77647570;
> - ICCID tas-socjeta' Vodafone Ltd bin bl-lCCID 8935 6012 0170 3541 0256 huwa tal-MSISDN 99699161;
>
> Illi skond rekwezit (b), l-esponent qieghed jidokumenta ghal liema ICCID jirreferi fir-rapport tieghu:
>
> - ICCID 2100 0502 0285 271 hija dokumentata fir-rapport tal-esponent bhala FF3-MB01- SIM01 Ii skond I-evidence bag u skond ritratt numru 7 fl-istess rapport tal-esponent, huwa dokumentat Ii ngabar minn fuq il-persuna ta, Ryan Briffa ID: 169990M nhar id-29 ta' Jannar 2019 fl-16:00 fi Triq I-Mdina, Zebbug;
> - ICCID 2100 0501 8467 121 hija dokumentata fir-rapport tal-esponent bhala FF7-MB01-SIM01 Ii skond I-evidence bag u skond ritratt numru 22 fl-istess rapport tal-esponent, huwa dokumentat Ii ngabar minn fuq il-persuna ta' Mark Anthony Cardona ID: 449277M nhar id-29 ta' Jannar 2019 f'numru 39, Maria, Triq Tumas Dingli, Birkirkara;
> - ICCID 8935 6012 0170 3541 256 hija dokumentata fir-rapport tal-esponent bhala FF3-MB01-SIM02 Ii skond l-evidence bag u skond ritratt numru 7 fl-istess rapport tal-esponent, huwa dokumentat li ngabar minn fuq il-persuna ta' Ryan Briffa ID: 169990M nhar id-29 ta' Jannar 2019 fl-16:00 fi Triq I-Mdina, Zebbug;
>
> Illi skond rekwezit (c), l-esponent qiegħed jinkludi lista hawn isfel ta' exchanges li saru bejn in-numri hawn msemmija:
>
> - 79036607 - dokumentati f' Appendici 1 sa 4 f'din in-nota;
> - 77647570 - dokumentati f' Appendici 5 sa 8 f'din in-nota
> - 99699161-dokumentati f'Appendici 9 sa 10 f'din in-nota;
>
> Daqstant ghandu 1-esponent x'jissottometti għas-savju u superjuri gudizzju ta' din 1-Onorabbli Qorti."[32]

14. Ma' din in-nota ġiet annessa l-lista ta' *call exchanges* (messaġġi u telefonati inkluż *missed calls*) bejn in-numri indikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali fid-digriet tas-6 ta' Awwissu 2020. Din il-lista ġiet esibita fl-Appendiċi 1-10.[33]

---

[32] Ara n-nota tal-espert Keith Cutajar tas-6 ta' Awwissu 2020, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġni 641-642.

[33] Ara l-lista ta' *call exchanges* (messaġġi u telefonati inkluż *missed calls*) annessa man-nota tal-espert Keith Cutajar tas-6 ta' Awwissu 2020, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġni 643-655.

15. Fis-26 ta' Awwissu 2020, ma jidher li deher ħadd u l-kawża ġiet differita għall-14 ta' Settembru 2020.[34] Fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2020, dehru l-imputati assisti mill-avukat tagħhom. Deher ukoll Keith Cutajar li kkonferma bil-ġurament in-nota tiegħu.[35] Ġie vverbalizzat li l-imputati ġew "innotifikati in awla"[36] u l-kawża tħalliet għas-sentenza fil-5 ta' Ottubru 2020.[37]

16. Fis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2020, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

i. filwaqt li lliberat lill-imputati mir-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħhom;

ii. wara li rat Artikoli 17, 31, 86, 87(1)(e), 221(3)(b), 261(a)(b)(ċ)(e), 262(1)(a)(b)(2), 263, 267, 269(g), 274(c), 275, 277(b), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fil- konfront ta' Ryan Briffa waħdu rat anke Artikoli 49, 50, 289 u 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba fil-konfront tagħhom u filwaqt li kkundannat lill- imputat Cardona għal seba' (7) snin priġunerija, ikkundannat lill-imputat Briffa għal seba' (7) snin u nofs priġunerija;

iii. fil-konfront tal-imputat Briffa waħdu, il-Qorti ordnat il- konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-garanzija ta' għaxart elf Euro (€10,000) hekk kif indikat fid-digriet għall-ħelsien mill- arrest mogħti mill-Imħallef Dr. Antonio Mizzi fit-13 ta' Novembru 2017 u rrevokat contrario imperio d-digriet tal- ħelsien mill-arrest imsemmi u ordnat l-arrest mill-ġdid tal- imputat Briffa;

iv. b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-ħatja jħallsu l-ammont ta' elf, tmien mija u ħamsa u tmenin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€1,885.88) kull wieħed rappreżentanti terz tal-ispejjeż peritali;

v. wara li rat Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, moqri flimkien ma' Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-ħatja jħallsu lura lil Anna Sammut is-somma ta' elf, tmien mija u tmien Euro (€1,808) rappreżentanti terz tal-flejjes li ġew misruqa b'dan li din l- ordni kellha l-istess forza u effett u kienet eżegwibbli bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili bejn l-imputati u l- parte leża.

vi. Inoltre' bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qegħda tordna lill-ħati jħallas l-ammont ta' €1,688.10 rappreżentanti terz tal- ispejjeż peritali.

vii. Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-ħati jħallas lura lil Anna Sammut is-somma ta' €1,808 208 rappreżentanti terz tal- flejjes li ġew misruqa.

---

[34] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati fis-seduta tas-26 ta' Awwissu 2020, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġni 656.
[35] Ma ġiex verbalizzat jekk l-imputati ngħatawx l-opportunità li jagħmlu kontro-eżami.
[36] Ma ntqalx biex ġew innotifikati l-imputati.
[37] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2020, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġni 657.

viii. Din l-ordni għandha l-istess forza u effett u hija esegwibbli bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili bejn l-imputat u l-parte leza."[38]

17. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali bbażat id-deċiżjoni tagħha rigward il-ħtija tar-rikorrent fuq dawn il-provi:-

> Provi rigward Mark Anthony Cardona
>
> Mir-ricevuta lil nghata Cardona jirrizulta li gew elevati sleevless jacket u par zarbun size 41.
>
> Il-Qorti fizikament ezaminat dawn l-esebiti. Dawn huma identici ghal hwejjeg li jidher liebes min ghamilha tal-pustier u cioe` dak li jintgharaf facilment bhala l-imputat Cardona!
>
> Kif intqal iz-zarbun hu kompattibbli ma dak li Cardona kien liebes meta mar id-Detox ftit qabel ma sehhet is-serqa. Hu zarbun bla lazzijiet, kif inhu dak esebit in atti.
>
> Il-gakketta sleeveless esebita wkoll taqbel perfettament mal-gakketta li kien liebes il-'pustier'. Fil-footage jidher xi kliem bl-abjad fuq wara taghha. Minn ezami tal-esebit irrizulta li fuq wara ta' din il-gakketta ossia sidrija, hemm miktub il-kliem tal-marka "AC"191. Il-posizzjoni u ghamla tal-kliem jikkoincidu mad-disinn li jidher fuq il-gakketta tal-'pustier' hekk kif jaghti dahru lill-camera biex b'hekk inqabad fuq il-footage.
>
> Il-qies tal-gakketta hu wiehed addatt ghall-istatura ta' Cardona minkejja li jidher li din hi gakketta maghmulha ghal mara bis-size indikat bhala dak ta' 14-18.
>
> Anna Sammut tixhed li dak li ghamilha ta' pustier, "dak li gie jhabbatli", poggilha sikkina ma ghonqha.192
>
> Il-filmat tas-cctv footage ma jhalli ebda dubbji dwar l-identita` ta' dak li ghamilha tal-pustier. Jidher cjar l-imputat Mark Anthony Cardona, b'linja mustacci irqaq. Il-Qorti tinnota li ftit xhur wara li nbdew dawn il-proceduri w minn zmien ghal zmien sa propju fis-seduta tal-14 ta' Settembru, 2020, Cardona rega' halla l-mustacci irqaq hekk kif jidher fil- mug shots esebiti! Ezatt kif gie deskritt minn Anna Sammut l-aggressur li ghamilha tal-psustier!
>
> Hu l-istess imputat li jaghmel diversi hinijiet wieqaf quddiem il-camera. Fil-filmati Cardona jidher cjar, inkluz l-ilbies tieghu. B'hekk wassal mhux biss lill-investigaturi biex jiddentifikawh bla diffikulta` izda wisq aktar lil din il-Qorti.
>
> Il-figura znella, twila tal-pustier li jaghmel diversi hinijiet kemm wieqaf kif ukoll ghaddej quddiem il-camera, tappartjeni lil Mark Anthony Cardona u lil hadd izjed!

## Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali

18. Fil-21 ta' Ottubru 2020, Mark Anthony Cardona ressaq appell minn din is-sentenza, fejn talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali biex:-

> "jogħġobha tilqa' dan l-appell billi **<u>TIRRIFORMA</u>** s-sentenza appellata fejn **<u>TIKKONFERMAHA</u>** fejn ma sabitx lill-appellant ħati tar-raba' (4) imputazzjoni miġjuba fi-konfront tiegħu iżda **<u>TĦASSARHA U</u>** **<u>TIRREVOKAHA</u>** fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u

---

[38] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali fil-5 ta' Ottubru 2020, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġni 662-716.

**<u>TILLIBERAH</u>** minn kull ħtija u piena; jew alternattivament **<u>TIRRIFORMA</u>** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."[39]

19. Wieħed mill-aggravji li qajjem fir-rikors t'appell tiegħu kien jikkonċerna l-apprezzament żbaljat tal-fatti u provi prodotti. Però ma sar l-ebda aċċenn għad-direzzjonijiet li ngħataw mill-Qorti tal-Maġistrati lil Keith Cutajar fl-4 u fis-6 ta' Awwissu 2020 u n-nota sussegwentement ippreżentata minnu. L-aggravju kien ibbażat fuq in-nuqqas ta' prova diretta u indiretta li r-rikorrent kien fuq ix-xena tar-reat u li huwa kien parteċipi fir-reati.[40]

20. Kien biss fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2022 li saret riferenza għan-nota ppreżentata mill-espert Keith Cutajar fis-6 ta' Awwissu 2020 f'paġna 641.[41] Dakinhar id-difiża ressqet talba għall-isfilz ta' din in-nota għaliex qalet li din kienet ġiet ippreżentata tmien xhur wara li ngħalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni, meta kienu ngħalqu l-provi tal-partijiet kollha u l-kawża kienet imħollija għas-sentenza.

21. Skontha, dan kien ta' preġudizzju għar-rikorrent peress li l-kontenut tan-nota kien imur oltre minn sempliċi kjarifiċi u kien effettivament jikkostitwixxi provi ġodda – provi li ġew eventwalment użati għas-sejbien tal-ħtija tiegħu. Il-prosekuzzjoni oġġezzjonat u sostniet li dan l-argument kellu jifforma l-mertu ta' aggravju u li minkejja li tressaq aggravju dwar l-apprezzament ta' provi, din il-kwistjoni proċedurali ma ssemmietx fir-rikors t'appell. Għal dan, id-difiża wieġbet li m'huwiex meħtieġ li r-rikors t'appell jinkludi kull kwistjoni li din kien beħsiebha tqajjem, speċjalment meta dan kien punt proċedurali li seta' jitqajjem anke *ex officio*.[42]

---

[39] Ara r-rikors t'appell fil-proċess tal-appell b'numru 212/2020 AB, f'paġni 749-777.

[40] B'riferenza għat-telefonati tas-suspettati, huwa ċċensura l-fatt li l-Prosekuzzjoni ma talbitx li jiġu esibiti r-riżultanzi tal-analiżi diġitali li kienet saret fil-konfront ta' wieħed mill-imputati fi proċedimenti separati u li ma ġiex speċifikat x'*coverage range* kellha c-*cell tower* li tidher fil-*localization data* u l-eqreb *cell tower* li jkopri d-dar derubata. Huwa qal li minħabba f'hekk ma setax jiġi stabbilit x'komunikazzjoni kien hemm bejn l-imputati u jekk din saritx fil-ħinijiet tas-serqa u fil-lokalità in kwistjoni.

[41] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2022 fil-proċess tal-appell b'numru 212/2020 AB, f'paġna 876.

[42] Ara t-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2022 fil-proċess tal-appell b'numru 212/2020 AB, f'paġni 879-883.

22. Fis-seduta tal-4 ta' April 2022, il-qorti caħdet it-talba li tiġi sfilzata r-relazzjoni addizzjonali ta' Keith Cutajar għaliex kienet tal-fehma li t-talba kellha tkun mertu t'aggravju u li l-konsiderazzjoni ta' aggravju ġdid f'dak l-istadju ma kinitx permissibbli skont il-liġi.[43]

23. Fis-sentenza tal-14 ta' Marzu 2024, il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet *in parte* l-appell imressaq minn Mark Anthony Cardona u ddeċidiet li:

i. tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l- appellant Cardona ġie liberat mir-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu;

i. tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l- appellant Cardona ġie misjub ħati tal-imputazzjonijiet l- oħra kollha miġjuba fil-konfront tiegħu;

ii. tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellant Cardona ġie ordnat iħallas l- ammont ta' elf, tmien mija u ħamsa u tmenin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€1,885.88) rappreżentanti terz tal-ispejjeż peritali;

iii. tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat lill-appellant Cardona jħallas lura lil Anna Sammut is-somma ta' elf, tmien mija u tmien Euro (€1,808) rappreżentanti terz tal-flejjes li ġew misruqa b'dan li din l-ordni għandha l-istess forza u effett u hija eżegwibbli bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili bejnu u l-parti leża;

iv. tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Cardona ġie kkundannat seba' (7) snin priġunerija u minflok tikkundannah ħames (5) snin priġunerija.[44]

24. Dana wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar l-aggravju relatat mal-apprezzament ta' provi u mas-sejbien ta' ħtija tar-rikorrent:-

i. Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant Mark Anthony Cardona jressaq argument simili jekk mhux identiku għal dak li ressaq l- appellant l-ieħor Briffa dwar l-istqarrijiet u jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tara l-provi li jorbtu miegħu (ma' Cardona). Jsemmi li fl-istqarrija mogħtija minnu huwa ċaħad kategorikament l- involviment tiegħu u jgħid li ma tantx imur Ħal-Qormi u li meta jmur huwa jara lill-ħabib tiegħu Wiġi li jiġi missier l-appellant l-ieħor. Jiċħad li jagħmilha mal-appellant l-ieħor. Ikompli jgħid li ma jiftakarx fejn kien dakinhar tas-serqa u jinnega li kien involut anke meta ġie muri ritratt li allegatament kien tiegħu. Jispjega li minkejja li kellu n-numru ta' Mangion u li ltaqa' miegħu darba, dan kien jimbuttah. L-appellant sa mill-ewwel mument innega l-involviment tiegħu u jgħid li l-parti leża kull ma identifikat huwa lil Mangion.

ii. Illi bħall-appellant Briffa, l-appellant Cardona jressaq l-istess argument rigward dak konkluż mill-esperta Dr. Marisa Cassar u jisħaq li għalhekk lanqas mill-profil tad-DNA ma hemmx prova li huwa kien fuq is-sit tas-serqa. Huwa jressaq l-istess argument rigward in-nuqqasijiet tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-ħwejjeġ u fir-rigward tat-telefon ċellulari.

---

[43] Ara l-verbal tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-seduta tal-4 ta' April 2022, fil-proċess tal-appell b'numru 212/2020 AB, f'paġni 889-890.

[44] 212/2020 NC, 213/2020 NC, *Il-Pulizija vs. Mark Anthony Cardona u Ryan Briffa,* Qorti tal-Appell Kriminali deċiża 14 ta' Marzu 2024.

iii. Illi din il-Qorti għalkemm fil-prinċipju taqbel mal-punt imqajjem mill-appellant Cardona li l-istqarrija ta' wieħed mill-imputati ma tistax tintuża kontra imputat ieħor, hija ma taqbilx ma l-allużjoni li jressaq l-appellant Cardona li l-Ewwel Qorti għamlet hekk sabiex tasal għal ħtija tiegħu. Tajjeb wieħed jara dak li qalet l-Ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata (a fol. 694 u 695) tagħti lista tal-provi kontra l-appellant Cardona. L-istqarrija ma tiffigurax f'dawn il-provi.

iv. Illi dwar il-mobiles, din il-Qorti tinnota li a fol. 53 tal-proċess hemm riċevuta ta' mobiles eżebiti. Rigward il-fatt li l-informazzjoni dwar it-telefon ċellulari kellhom jitressqu r-rappreżentanti tas-soċjetajiet in kwistjoni dan ma jnaqqas xejn minn dak li rrelata l-espert u għalhekk l-argument tal-appellant Cardona f'dan is-sens ser jiġi mwarrab.

v. Illi għalkemm mill-provi tad-DNA kull ma jirriżulta huwa li kien preżenti Patrick Mangion, wieħed ma jistax jinsa l-provi l-oħra li tressqu f'dan il-proċess.

vi. Illi frankament din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju rigward l-involviment tal-appellant Mark Anthony Cardona fis-serqa li seħħet fil-11 ta' Jannar 2019. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li fis-CCTV footage jidher ċar wiċċ Mark Anthony Cardona minkejja li jilbes beritta u nuċċali.

vii. Illi huwa minnu li fix-xiehda tagħha l-parti leża ssemmi lil Patrick Mangion iżda kif innutat ukoll l-Ewwel Qorti hija tagħti piż lill-fatt li Mangion kellu d-daqna dik il-ġurnata tax-xiehda. Iżda l- footage tal-camera huwa ċar. Meta dan jiġi magħdud mal-fatt li nstabu għand l-appellant Cardona ħwejjeġ u żarbun li jixbħu ħafna dawk użati waqt is-serqa flimkien mal-fatt li "kumbinazzjoni" l-mobile tal-appellant kien mitfi waqt is-serqa l- kwadru probatorju jidher ferm ċar u għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant Cardona qed jiġi miċħud.[45]

## L-ilment kostituzzjonali

25. Permezz ta' din il-kawża kostituzzjonali, ir-rikorrent qiegħed jerġa' jqajjem l-ilment li huwa kien għamel waqt is-smigħ tal-appell "dwar l-estensjoni ta' l-inkarigu mogħti lil Keith Cutajar permezz ta' verbal tal-5 ta' Frar 2019 liema nomina ta lok għar- relazzjoni tiegħu esebita a fol. 641 tal-proċess u dan stante illi tali estensjoni ta' nomina saret tmien xhur wara li l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha u fuq inizzjattiva tal-Qorti." Huwa jargumenta li din l-estensjoni saret bi ksur tar-regoli ta' proċedura u tal-prinċipji inerenti fid-dritt għal smiegħ xieraq inkluż il-prinċipju ta' parità fl-armi ('*equality of arms*') u dak tal-indipendenza u tal-imparzjalità tal-ġudikant; u dana peress li skontu, il-qorti riedet taġevola lill-prosekuzzjoni billi tipprova tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet probatorji tagħha.

26. Taħt dawn il-premessi r-rikorrent qiegħed jitlob:-

i. Tiddikjara illi fil-proċeduri Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri, Spettur Lydon Zammit u Spettur RoderickAgius) vs Mark Anthony Cardona et (kump nru. 67/2019)meta il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat estensjoni ta' l-inkarigu mogħti lil Keith Cutajar biex dan janalizza l-mobile phoneu sim cards ta' l-

[45] Ibid.

esponentpermezz ta' verbal tal- 5 ta' Frar 2019, u dan xhur sħaħ wara li l-prosekuzzjoni kienu għalqu l- provi, dan jilledi d-dritt ta' smiegħ xieraq ta' l-esponent kif sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-drittijiet tal-Bniedem u l- artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

ii. Konsegwentement tiddeċidi billi tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tal-esponent mogħtija mill-Qorti tal-Apppelli Kriminali mill- Imħallef Neville Camilleri fl-14 ta' Marzu 2024, u tagħti dawk id-direttivi u ordnijiet opportuni saviex jiġu sanġiti d-drittijiet fundamentali tar- rikorrent.

iii. Bl-ispejjeż.[46]

**L-eċċezzjonijiet tal-konvenuti**

27. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali qiegħdin jikkontestaw l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent u ressqu t-tali eċċezzjonijiet fir-risposta tagħhom:-[47]

a. Li l-Avukat Ġenerali m'hijiex il-leġittima kontradittriċi u għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

b. Li r-rikorrent m'għamilx użu mir-rimedji ordinarji disponibbli lilu u għalhekk din il-qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha skont il-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319;

c. Li ma kienx hemm ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq kif imħares fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u dana għaliex:-

(i) Il-proċess ġudizzjarju jrid jiġi eżaminat fl-assjem tiegħu;

(ii) Jeżistu salvagwardji suffiċjenti fil-liġi proċedurali li jovvjaw kull periklu ta' leżjoni ta' smiegħ xieraq u jiggarantixxu proċess xieraq u smiegħ ġust;

(iii) Fil-5 ta' Frar 2019, meta allegatament saret l-estensjoni tal-inkarigu tal-espert, il-Prosekuzzjoni kienet għadha m'għalqitx il-provi tagħha, u għalhekk l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq premessa żbaljata;

(iv) Il-Qorti tal-Maġistrati – li għandha s-setgħa li tordna li tagħmel dak kollu meħtieġ għat-tikxif tal-verità u sabiex tassigura li l-ġbir tal-provi jkun wieħed komplut – ma marritx

[46] Ara r-rikors kostituzzjonali f'paġni 1-8.
[47] Ara r-risposta kostituzzjonali tal-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali f'paġni 11-14.

oltre mis-setgħat tagħha meta talbet xi kjarifiċi mill-espert, liem kjarifiċi ma kienux jammontaw għal provi ġodda; u

(v) Dak ilmentat mir-rikorrent ma jammontax għal ksur tal-prinċipju tad-parità fl-armi (*equality of arms*) jew tal-prinċipju tal-indipendenza u tal-imparzjalità.

28. Minħabba f'hekk il-konvenuti jeċepixxu li r-rikorrent qiegħed jipprova juża l-proċeduri kostituzzjonali bħala appell fit-tielet grad u li l-azzjoni eżerċitata mir-rikorrent hija frivola u vessatorja. Però f'każ li tinstab leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, il-konvenuti jsostnu li dikjarazzjoni f'dan is-sens hija suffiċjenti u m'hemmx il-ħtieġa li jingħataw xi rimedji oħra.

**Eċċezzjonijiet Preliminari**

*L-ilment tar-rikorrent kif formulat fir-rikors promotur*

29. Kif ingħad, ir-rikorrent qiegħed isejjes l-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq fuq "l-estensjoni ta' l-inkarigu mogħti lil Keith Cutajar permezz ta' verbal tal-5 ta' Frar 2019 liema nomina ta lok għar-relazzjoni tiegħu esibita a fol. 641 tal-proċess u dan stante illi tali estensjoni ta' nomina saret tmien xhur wara li l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha u fuq inizzjattiva tal-Qorti." Fir-risposta tagħhom, il-konvenuti wieġbu li t-tali lanjanza hija msejsa fuq premessa żbaljata għaliex fil-5 ta' Frar 2019, il-prosekuzzjoni kienet għadha qed tressaq il-provi tagħha.

30. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu,[48] ir-rikorrent jiċċara li l-estensjoni ilmentata saret permezz tad-digrieti tal-4 u tas-6 ta' Awwissu 2020, u li l-5 ta' Frar 2019 tirreferi għad-data meta ġie nnominat l-espert Keith Cutajar għall-inkarigu relatat mal-mowbajls elevati. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jwieġbu li l-ilment tar-rikorrent għandu jiġi kkonsidrat biss versu d-digriet tal-5 ta' Frar 2019 u mhux versu d-digrieti tal-4 u tas-6 ta' Awwissu 2020, peress li dawn ma ssemmewx fir-rikors promotur. Huma jgħidu li huma l-premessi u t-talbiet ifformulati fir-rikors promotur, u mhux il-kjarifiċi tiegħu fin-nota ta' sottomissjonijiet, li jsawru l-azzjoni intentata mir-rikorrent fil-kawża tiegħu.[49]

---

[48] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent f'paġni 22-25.
[49] 116/2023 LM, *Jeffrey Cassar vs. l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat*, deċiża 29 ta' Novembru, 2023. Din is-sentenza ġiet appellata mir-rikorrent u deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Ġunju 2024.

31. Peress li t-tali eċċezzjoni tikkonċerna l-premessi fattwali li jsawru l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent, din ser tiġi kkonsidrata qabel l-eċċezzjonijiet l-oħra. Fil-fehma tal-qorti, ir-riferenza fir-rikors promotur għall-"estensjoni ta' l-inkarigu mogħti lil Keith Cutajar permezz ta' verbal tal-5 ta' Frar 2019" tista' tfisser li l-estensjoni ngħatat permezz tal-verbal tal-5 ta' Frar 2019 u tista' titqies bħala referenza għall-estensjoni, li saret f'xi data mhux imsemmija, għall-inkarigu li kien, oriġinarjament, ingħata fil-5 ta' Frar 2019. Mill-kuntest, hu pjuttost ċar li hi t-tieni tifsira li ried iwassal ir-rikorrent. Fil-fatt, ir-rikors promotur jagħmel riferenza għar-relazzjoni tal-espert "esebita a fol. 641 tal-proċess", li "saret tmien xhur wara li l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fuq inizzjattiva tal-Qorti." Minn dan seta' – u kellu - jinftiehem li l-ilment formulat fir-rikors promotur – li essenzjalment jirrappreżenta dak li kien diġà tressaq fil-kors tal-proċedimenti kriminali – jikkonċerna n-nota tal-espert tas-6 ta' Awwissu 2020.

32. Fil-fatt jidher li l-konvenuti fehmu l-intendiment tar-rikors promotur għaliex fir-risposta tagħhom, ressqu eċċezzjoni in kwantu tal-"kjarifiki li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Ġudikatura Kriminali ordnat lill-espert biex jagħmel matul il-proċeduri." Meħud kont ta' dan, ma jistax jingħad li l-ilment tar-rikorrent ma seta' b'xejn jinftiehem jew li l-pożizzjoni tal-konvenuti biex iressqu d-difiża tagħhom ġiet ippreġudikata.

33. B'hekk ser jiġi meqjus li l-ilment tar-rikorrent jikkonċerna d-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati (bħala qorti ta' ġudikatura kriminali) tal-4 u tas-6 ta' Awwissu 2020 u n-nota ta' Keith Cutajar tas-6 ta' Awwissu 2020.

*Jekk l-Avukat Ġenerali hijiex il-leġittima kontradittriċi*

34. Il-konvenuti jeċċepixxu li l-Avukat Ġenerali m'hijiex il-leġittima kontradittriċi, ma tweġibx għall-allegazzjonijiet, pretensjonijiet u talbiet tar-rikorrent u għandha b'hekk tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju. Ir-rikorrent ma jweġibx għal dan.

35. Huwa veru li, kif jeċċepixxu l-konvenuti, huwa l-Avukat tal-Istat u mhux l-Avukat Ġenerali li jirrappreżenta l-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti

l-oħra tal-Gvern. Dana skont l-artikolu 181B(2) tal-Kap. 12, kif emendat bl-Att XXV tal-2019.[50]

36. Iżda skont kif jitmexxew kawżi ta' natura kostituzzjonali, jidher li hemm tliet kategoriji ta' leġittimi kontradittur. Fl-ewwel kategorija hemm dawk direttament jew indirettament responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni tal-fatt li allegatament jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. Fit-tieni kategorija hemm dawk li huma responsabbli biex jipprovdu r-rimedji li jistgħu jingħataw għall-ksur lamentat. Fit-tielet kategorija, hemm dawk il-partijiet li jkollhom xi forma ta' interess fiha.[51]

37. Għalkemm huwa l-Avukat tal-Istat li jirrappreżenta l-Gvern u b'hekk jaqa' taħt l-ewwel kategorija, l-Avukat Ġenerali xorta tista', skont il-prassi, titqies li hi leġittima kontradittriċi peress li din kellha l-funzjoni jew is-setgħa tat-tmexxija tal-proċedimenti penali fil-konfront tar-rikorrent u b'hekk taqa' taħt it-tielet kategorija.[52]

38. Meħud kont ta' din il-prassi, id-difiża preliminari li l-Avukat Ġenerali għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju m'hijiex sostenibbli u qiegħda tiġi miċħuda.

*Id-disponibbilità ta' rimedji ordinarji*

39. Il-konvenuti stiednu lill-qorti m'għandhiex tħaddem is-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha skont il-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319, peress li skonthom ir-rikorrent m'għamilx użu mir-rimedji ordinarji disponibbli lilu. Jgħidu li għalkemm ir-rikorrent kien preżenti u assistit mill-avukat tiegħu fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2020, meta Keith Cutajar ħalef b'ġurament in-nota tas-6 ta' Awwissu 2020, huwa ma qajjem l-ebda oġġezzjoni għal dak li ġie mitlub mill-qorti, ma talabx l-isfilz tan-nota jew ir-revoka tad-digriet u lanqas ma ttenta jivverbalizza ebda kwistjoni jew riżerva dwarha. Naqas ukoll milli jqajjem il-kwistjoni fl-aggravji tal-appell

---

[50] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti f'paġni 27-38.

[51] *Joseph Abela vs l-Onor Prim. Ministru et*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 7 ta' Diċembru 1990, Vol LXXIV.i.261.

[52] Għalkemm kienet il-Pulizija Eżekuttiva li fetħet il-kawża kontra r-rikorrent, skont l-artikolu 3 tal-Kap. 90 miżjud bl-Att XXV tal-2019, kull artikolu tal-Kap. 9 jew ta' xi liġi oħra li jvesti l-funzjoni jew setgħa dwar it-tmexxija ta' proċeduri fil-qorti fil-prosekuzzjoni ta' reati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-Pulizija Eżekuttiva jew f'xi awtorità oħra, għandu jitqies li qiegħed ivesti dik il-funzjoni jew setgħa wkoll fl-Avukat Ġenerali.

tiegħu u minħabba f'hekk it-talba għall-isfilz li huwa sussegwentement ressaq ġiet miċħuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

40. Sabiex tkun tista' tilqa' din l-istedina, irid jirriżulta lil din il-qorti bħala stat ta' fatt attwali u oġġettiv li jeżisti jew li kien jeżisti rimedju ordinarju disponibbli lir-rikorrenti – liem rimedju kien aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat sabiex jindirizza l-ksur jew it-theddid ta' ksur lamentat.53 Mhux għal kollox ċar li dan kien il-każ. Għalkemm il-qorti xxaqleb lejn il-veduta li kien jeżisti rimedju, partikularment fl-istadju tal-appell, il-qorti mhix sejra tilqa' l-istedina, anki għaliex, biex tifhem sew l-ilment tar-rikorrent, inkluż jekk kellux rimedju alternattiv, il-qorti xorta kellha tifli l-proċess kollu; u għalhekk ix-xogħol xorta sar. Il-jedd għal smiegħ xieraq

*Jekk in-nota tas-6 ta' Awwissu 2020 kinitx tikkonsisti fi provi ġodda*

41. Ir-rikorrent jargumenta li d-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali fl-4 u fis-6 ta' Awwissu 2020 saru bi ksur tar-regoli proċedurali . Dan għaliex permezz tan-nota esibita minn Keith Cutajar fis-6 ta' Awwissu 2020 ġew ammessi provi ġodda kontra tiegħu, meta l-prosekuzzjoni kienet diġà ddikjarat li m'għandhiex iżjed provi. Il-konvenuti jikkontestaw din l-allegazzjoni li f'din in-nota tressqu xi provi ġodda u jikkontendu li r-risposti tal-espert f'din in-nota kienu jikkostitwixxu biss fi kjarifiċi.

42. Il-qorti ttendi lejn il-klassifikazzjoni mogħtija mill-konvenuti u hija tal-fehma li n-nota tas-6 ta' Awwissu 2020 ma kinitx tikkontjeni informazzjoni, dokumentazzjoni jew prova li ma kinitx diġà tifforma parti mill-atti proċesswali. Fid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati tas-6 ta' Awwissu 2020 ngħataw id-direzzjonijiet li dik il-qorti tat lill-espert – immarkati minn sub-inċiż (a) sa (ċ) iċċitati – li wasslu għar-risposti li pprovda l-espert fin-nota tal-istess ġurnata.

43. Mill-qari tas-sub-inċiż (a) sopraċċitat, joħroġ li l-espert ġie mitlub biex jipprovdi kjarifika tan-numri tal-mowbajl li jikkorrispondu mal-ICCID numbers li huwa semma fl-Appendiċi 1 ippreżentata fid-9 ta' Marzu 2019. L-ICCID Number huwa essenzjalment numru ta' identifikazzjoni li jintuża għas-*sim cards* u li ta' spiss jkun ipprintjat fuq is-sim card stess. F'dan il-każ l-ICCID number tas-*sim cards* rispettivi seta' jiġi identifikat mir-rapport tal-

---

[53] *Zahra vs Awtorità tal-Ippjanar*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 31 ta' Mejju 1999, Kollez Vol. LXXXIII.i.179; *Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 5 ta' April 1991, Kollez Vol. LXXV.i.106.

espert tad-9 ta' Marzu 2019, fejn ġew esibiti r-ritratti tas-*sim cards* tal-mowbajls differenti, u fejn jidhru l-ICCID numbers relattivi. Ġie mniżżel ukoll f'diversi fajls diġitali formanti parti minn Appendiċi 1. Ir-risposta tal-espert għal dak mitlub f'sub-inċiż (a) b'hekk m'għamlitx riferenza għal xi informazzjoni mhux diġà fl-atti:

> "Illi skond rekweżit (a), il-call profile data li tinsab f'Appendiċi 1 fir-rapport tal-esponent, huma ta' dawn in-numri hawn isfel msemmija:
>
> ICCID tas-socjeta' GO plc bl-lCCID 2100 0502 0285 271 huwa tal-MSISDN 79036607;
>
> ICCID tas-socjeta' GO plc bl-lCCID 2100 0501 8467 121 huwa tal-MSISDN 77647570;
>
> ICCID tas-socjeta' Vodafone Ltd bin bl-lCCID 8935 6012 0170 3541 0256 huwa tal-MSISDN 99699161;[54]

44. Taħt is-sub-inċiż (b), l-espert ġie mitlub jipprovdi kjarifika ta' liema ICCID huwa abbinat ma' kull imputat "tenut kont li Dok FF3 hu indikat li nstab għand Briffa, u Dok FF7 ġie indikat mill-evidence bag relattiv li nstab għand Cardona." Din kienet essenzjalment tammonta għall-istess kjarifika li ġiet mitluba taħt is-sub-inċiż(a). Fil-fatt l-espert kien qiegħed jiġi mitlub sabiex – b'riferenza għall-informazzjoni li tatu l-Qorti tal-Maġistrati dwar il-mowbajls elevati mill-imputati – huwa jikkjarifika n-numru tal-mowbajl li ġie elevat minn kull imputat. Kif diġà ngħad, mir-rapport tad-9 ta' Marzu 2019, wieħed seta' diġà jislet l-ICCID number relattiv għal kull mowbajl u għalhekk it-tweġiba tal-espert għal sub-inċiż (b) ma kinitx tikkonsisti f'informazzjoni ġdida:-

> Illi skond rekwezit (b), l-esponent qieghed jidokumenta ghal liema ICCID jirreferi fir-rapport tieghu:
>
> ICCID 2100 0502 0285 271 hija dokumentata fir-rapport tal-esponent bhala FF3-MB01-SIM01 Ii skond I-evidence bag u skond ritratt numru 7 fl-istess rapport tal-esponent, huwa dokumentat Ii ngabar minn fuq il-persuna ta, Ryan Briffa ID: 169990M nhar id-29 ta' Jannar 2019 fl-16:00 fi Triq I-Mdina, Zebbug;
>
> ICCID 2100 0501 8467 121 hija dokumentata fir-rapport tal-esponent bhala FF7-MB01-SIM01 Ii skond I-evidence bag u skond ritratt numru 22 fl-istess rapport tal-esponent, huwa dokumentat Ii ngabar minn fuq il-persuna ta' Mark Anthony Cardona ID: 449277M nhar id-29 ta' Jannar 2019 f'numru 39, Maria, Triq Tumas Dingli, Birkirkara;
>
> ICCID 8935 6012 0170 3541 256 hija dokumentata fir-rapport tal-esponent bhala FF3-MB01-SIM02 Ii skond l-evidence bag u skond ritratt numru 7 fl-istess rapport tal-esponent, huwa dokumentat li ngabar minn fuq il-persuna ta' Ryan Briffa ID: 169990M nhar id-29 ta' Jannar 2019 fl-16:00 fi Triq I-Mdina, Zebbug;

---

[54] Ara n-nota tal-espert Keith Cutajar tas-6 ta' Awwissu 2020, fil-proċess kriminali b'numru 67/2019, f'paġni 641-642.

45. Taħt l-aħħar sub-inċiż, cioè sub-inċiż (ċ), l-espert ġie mitlub jipprovdi l-lista ta' *exchanges* (messaġġi u telefonati inkluż *missed calls*) għan-numri tal-mowbajl indikati fid-digriet tas-6 ta' Awwissu 2020. L-espert wieġeb, b'riferenza għall-Appendiċi 1-10 li huwa annessa man-nota tiegħu:-

> Illi skond rekwezit (c), l-esponent qiegħed jinkludi lista hawn isfel ta' exchanges li saru bejn in-numri hawn msemmija:
>
> - 79036607 - dokumentati f' Appendici 1 sa 4 f'din in-nota;
> - 77647570 - dokumentati f' Appendici 5 sa 8 f'din in-nota
> - 99699161-dokumentati f'Appendici 9 sa 10 f'din in-nota;

46. Issa l-*exchanges* esibiti fl-Appendiċi 1-10 jidhru li ġew estratti fit-totalità tagħhom mid-diversi *call profiles* forniti mill-GO plc u mill-Vodafone Plc, li kienu ġew ippreżentati f'format diġitali (i.e. f'pendrive) f'Appendiċi 1 tar-rapport tal-11 ta' Marzu 2019. Fil-fatt l-unika differenza rikonstrabbli bejn il-*call profiles* li kienu diġà ġew ippreżentati u l-*exchanges* esibiti f'Appendiċi 1-10 tan-nota tas-6 ta' Awwissu 2020, hija li l-*exchanges* f'Appendiċi 1-10 jirreferu biss għall-*call logs* bejn in-numri tal-mowbajl indikati mill-Qorti tal-Maġistrati minflok għall-*call logs* fl-assjem tagħhom.

47. Minn dan jista' jiġi dedott li l-informazzjoni esibita fin-nota tas-6 ta' Awwissu 2020 tirreferi biss għal informazzjoni li kienet diġà ġiet ppreżentata fir-rapport tad-9 ta' Marzu 2019 u fil-firxa ta' fajls diġitali li ġew esibiti f'Appendiċi 1. Fil-fatt fid-direzzjonijiet li ngħataw lill-espert fid-digriet tas-6 ta' Awwissu 2020, intqal li dana kellu jwieġeb għal dak mitlub billi "jikkonsulta mal-informazzjoni annessa mar-rapport tiegħu." Meqjus dan kollu, kif ukoll il-fatt li d-direzzjonijiet mogħtija jidhru li kienu intiżi biex iservu unikament lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) biex tifhem il-provi quddiemha, ma jistax jingħad – kif jallega r-rikorrent – li bid-digrieti tal-4 u tas-6 ta' Awwissu 2020, il-Qorti tal-Maġistrati ipprovat taġevola jew isservi l-interessi tal-prosekuzzjoni.[55]

48. B'hekk huma ġġustifikati l-konvenuti li jgħidu li n-nota tas-6 ta' Awwissu 2020 ma tikkonsistix fi provi ġodda. Hija ġġustifikata wkoll l-eċċezzjoni tagħhom li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali kellha s-setgħa li tagħti dawn id-

[55] Ara r-rikors kostituzzjonali f'paġni 1-8 u n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent f'paġni 22-25.

direzzjonijiet.[56] Fil-fatt, skont l-artikolu 655 tal-Kap. 9, kull waħda mill-partijiet, il-qorti u fil-każijiet tal-Qorti Kriminali, kull wieħed mill-ġurati, "jistgħu jitolbu mill-periti tifsir aħjar fuq ir-rapport tagħhom, kif ukoll dak li jidhrilhom li jista' jagħmel aktar ċara l-fehma tal-periti."

*Jekk inkisirx id-dritt għal smiegħ xieraq*

49. Kif jgħidu l-konvenuti, il-funzjoni tal-qorti, fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, m'hijiex biex tirrevedi s-sentenzi ta' qrati oħra, jew biex tevalwa jekk dawn ġewx deċiżi 'sewwa'; hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawn il-proċeduri sarux bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.[57] Dan għaliex id-dritt għas-smiegħ xieraq ma jiggarantixxix il-korrettezza tas-sentenza fil-meritu iżda jiggarantixxi biss l-aderanza ma' ċerti prinċipji proċedurali li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Sabiex tiddetermina jekk għandhomx jiġu milqugħa t-talbiet attriċi, jeħtieġ li s-smiegħ jiġi evalwat fit-totalità u fl-assjem tiegħu, u mhux fil-kuntest ta' inċident iżolat.[58]

50. Ir-rikorrent jargumenta li bid-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali tal-4 u tas-6 ta' Awwissu 2020 u bin-nota tal-espert tas-6 ta' Awwissu 2020, ġie leż il-prinċipju ta' parità fl-armi (*equality of arms*) inerenti fid-dritt għal smiegħ xieraq. Dan il-prinċipju ġie mfisser "as one of the fundamental elements of the broader concept of a fair trial" u jesiġi li jinżamm bilanċ bejn kwalsiasi regoli proċedurali u l-eżerċizzju effettiv u adegwat tad-drittijiet tad-difiża. Il-prinċipju jeħtieġ li kull parti tingħata l-opportunità "to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-a-vis his opponent,"[59] u "to present their own legal assessment of the case and to comment on the observations made by the other party, with a view to influencing the court`s decision."[60] Fil-kuntest ta' proċeduri penali, l-akkużat meħtieġ

---

[56] Però l-qorti ma taqbilx li bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, il-Qorti tal-Maġistrati kellha s-"setgħa li tordna li jsir dak kollu li huwa meħtieġ għat-tikxif tal-verità, fosthom billi tordna li ssir kull ħaġa li tkun neċessarja sabiex il-ġbir tal-provi ikun wieħed komplut" – kif jgħidu l-konvenuti fir-risposta kostituzzjonali f'paġni 13-14. Dan jista' jsir mill-Maġistrat inkwerenti u mill-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti struttorja waqt l-inkjesta jew il-kumpilazzjoni, iżda mhux wara li jkunu nfetħu l-proċeduri penali kontra l-akkużat.
[57] *J.E.M. Investments Ltd vs Avukat Generali et*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 30 ta' Settembru 2011.
[58] Ara *The Republic of Malta vs Ana-Marie Beatrice Ciocanel*, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża 5 ta' Novembru 2013.
[59] *Niderost-Huber v Switzerland*, 18 February 1997 § 23, Reports 1997-I.
[60] Ara wkoll *Lobo Machado v. Portugal*, 20 February 1996, § 31, Reports 1996-I.

ikollu “adequate time and facilities for the preparation of the defence,” inkluż l-opportunità “to acquaint himself for the purposes of preparing his defence with the results of investigations carried out throughout the proceedings”[61] u “to organise his defence in an appropriate way and without restriction as to the possibility of putting all relevant defence arguments before the trial court and thus of influencing the outcome of the proceedings.”[62]

51. Fil-każ preżenti, il-qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet sabiex tiddetermina jekk ġiex osservat il-prinċipju tad-parità fl-armi (*equality of arms*) fl-assjem tal-proċeduri penali kontra r-rikorrent:-

   a. Kif diġà ntqal, ir-risposti li ressaq Keith Cutajar għad-digriet tas-6 ta’ Awwissu 2020 m’għamlu l-ebda aċċenn għal informazzjoni jew prova li ma kinitx diġà tifforma parti mill-atti proċesswali. B’hekk, għall-kuntrarju ta’ dak argumentat mir-rikorrent, ma ġewx ippreżentati provi ġodda wara l-għeluq ta’ provi tal-prosekuzzjoni, b’dannu għar-rikorrent. Apparti minn hekk, u kif diġà ngħad, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta’ ġudikatura kriminali kellha s-setgħa, taħt l-artikolu 655 tal-Kap. 9, li titlob dawn il-kjarifiċi li talbet, u dan ma kienx b’hekk jikkonstitwixxi xi ksur tal-liġi penali jew tad-drittijiet proċedurali tar-rikorrent.

   b. Mid-data meta ġie ppreżentat ir-rapport inkluż l-Appendiċi 1, cioè fid-11 ta’ Marzu 2019, sa meta d-difiża bdiet bil-provi tagħha, fit-12 ta’ Frar 2020, kienet għaddiet kważi sena. Dan ifisser li r-rikorrent kellu żmien suffiċjenti biex jilħaq jeżamina l-provi mressqa mill-espert, u biex jipprepara l-osservazzjonijiet, sottomissjonijiet u kummenti tiegħu dwarhom. Kellu wkoll biżżejjed ċans biex, f’każ li qies meħtieġ jew desiderabbli, jikkontesta l-awtentiċità, l-affidabbilità, u l-ammissibbilità tar-rapport u tal-Appendiċi, u li jqajjem kwalsiasi oġġezzjonijiet tekniċi.

   c. Fil-fatt dana għamlu sa ċertu sens fl-istadju tal-appell tiegħu, meta qajjem xi oġġezzjonijiet rigward il-provi esibiti fil-11 ta’ Marzu 2019, u fejn fost affarijiet oħra, huwa semma l-fatt li l-prosekuzzjoni ma talbitx li jiġu esibiti r-riżultanzi tal-analiżi

---

[61] *C.G.P. v. the Netherlands*, no. 29835/96, Commission decision of 15 January 1997, u *Foucher v. France, 18 March 1997*, §§ 31-38, Reports 1997-II.

[62] *Can v. Austria, no. 9300/81*, Commission report of 12 July 1984, § 53, Series A no. 96; *Connolly v. the United Kingdom*, no. 27245/95, Commission decision of 26 June 1996; u *Mayzit v. Russia*, no. 63378/00, § 78, 20 January 2005.

diġitali li kienet saret fil-konfront ta' wieħed mill-imputati fi proċedimenti separati, li ma ġiex speċifikat x'*coverage range* kellha c-*cell tower* li tidher fil-*localization data* u l-eqreb *cell tower* li tkopri d-data derubata, li ma ġiex sodisfaċament ipprovat li l-mowbajls in kwistjoni jappartjenu lill-imputati rispettivi u li r-rappreżentanti tal-GO plc u Vodafone Ltd ma tressqux bħala xhieda.

d. Ir-rikorrent kellu l-fakoltà li jagħmel il-kontro-eżami tal-espert, liema jedd huwa rriserva fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019, iżda qatt ma jidher li eżerċita. Apparti l-fakoltà ta' kontro-eżami, huwa seta' wkoll jesebixxi d-dokumenti u jtella' x-xhieda meqjusa rilevanti għad-difiża tiegħu, li setgħu potenzjalment jikkontradixxu dawk il-provi sottomessi fil-11 ta' Marzu 2019. Dana seta' jsir wkoll, f'ċerti ċirkostanzi fl-istadju tal-appell. Fil-fatt skont l-artikolu 506 tal-Kap. 9, il-Qorti tal-Appell Kriminali tista', jekk jidhrilha meħtieġa jew espedjenti fl-interessi tal-ġustizzja (a) tordna l-produzzjoni ta' kull dokument, esibit, jew oġġett ieħor li għandhom x'jaqsmu mal-kawża, li l-produzzjoni tagħhom jidhrilha li huma meħtieġa għad-deċiżjoni tal-kawża; (b) jekk jidhrilha xieraq tordna lil kull xhieda li setgħu jiġu obbligati jixhdu fil-kawża biex jidhru għall-eżami u jiġu eżaminati quddiem il-qorti, sew jekk kienu msejħa fil-kawża sew jekk le, jew tordna li l-eżami ta'kull xhieda bħal dawk jsir b'xi mod provdut mil-liġi; u (ċ) jekk jidhrilha xieraq taċċetta x-xiehda, jekk offerta, ta'kull xhud (inkluż l-appellant) li jkun xhud kompetenti iżda li ma setax jiġi obbligat jixhed fil-kawża. Skont l-artikolu 507, il-qorti għandha, ħlief jekk tkun sodisfatta illi x-xiehda jekk ammessa ma tagħti ebda lok biex jiġi milqugħ l-appell, teżerċita s-setgħa tagħha skont l-artikolu 506 li tirċeviha jekk (a) jidher lill-qorti illi x-xiehda x'aktarx tkun kredibbli u kienet tkun ammissibbli fil-kawża fuq kwistjoni li hija l-oġġett tal-appell; u (b) il-qorti tkun sodisfatta li ma ġietx miġjuba fil-kawża, iżda li hemm spjegazzjoni raġonevoli għan-nuqqas biex tiġi hekk miġjuba.

e. Fl-ebda stadju ma ressaq xi dokumenti jew xhieda biex jikkontesta l-provi esibiti mill-espert fil-11 ta' Marzu 2019. Lanqas m'għamel l-ebda kjarifiċi jew mistoqsijiet skont l-artikolu 655 tal-Kap. 9.

f. F'dak li jikkonċerna l-ħatra tal-espert, l-akkużat u l-prosekuzzjoni kienu proċeduralment fl-istess pożizzjoni, għaliex l-espert kien independenti u imparzjali

mill-partijiet, ġie maħtur skont il-liġi u l-espert ma tax il-fehma tiegħu. Fil-fatt kienu l-qrati kriminali li wettqu l-apprezzament tal-provi u ddeterminaw jekk kienux sodisfaċenti għas-sejbien ta' ħtija tar-rikorrent.

g. Finalment, għall-kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrent, il-provi esibiti fil-11 ta' Marzu 2019 ma jidhrux li kellhom effett deċiżiv jew sinifikanti fuq is-sejbien ta' ħtija tar-rikorrent. Dan għaliex b'differenza għall-imputati l-oħra, ma ġewx traċċati fil-konfront tar-rikorrent, xi *call logs* fil-ħin tar-reat. Is-sejbien ta' ħtija tiegħu jidher li kienet imsejsa fuq ic-CCTV *footage* tat-3 u tal-11 ta' Jannar 2019, il-ħwejjeġ li ġew elevati li kienu jixbhu ħafna dawk użati fis-serqa u murija fic-CCTV u l-konnessjoni tar-rikorrent mal-imputati l-oħra.

52. Meħud kont ta' dan kollu, il-qorti ma ssibx illi fit-tmexxija tal-proċediment penali, ir-rikorrent ma setax jeżerċita d-drittijiet proċedurali tiegħu b'mod effettiv u adegwat, li kien sprovvist mill-opportunità raġonevoli li jiddefendi ruħu mill-akkużi dedotti kontra tiegħu jew li tqiegħed fi żvantaġġ proċedurali fil-konfront tal-prosekuzzjoni. L-esiġenzi emanenti mill-prinċipju tad-parità fl-armi (equality of arms) jidhru li ġew rispettati.

*Il-prinċipju ta' indipendenza u imparzjalità*

53. Ir-rikorrent jargumenta li ġie miksur il-prinċipju ta' indipendenza u imparzjalità. Dan għaliex meta ħarġet id-digrieti tal-4 u tas-6 ta' Awwissu 2020, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali "riedet tagevola parti wahda fil-proceduri in kwistjoni ossia 1-prosekuzzjoni u dan anke bi ksur ta' 1-istess principju, bi ksur tal-principju ta' 1-indipendenza u imparzjalita'." Kif rajna diġà, dan m'huwiex il-każ. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet qiegħda sempliċiment teżerċita s-setgħa, taħt l-artikolu 655 tal-Kap. 9, biex titlob kjarifiċi mill-espert tal-qorti, u ma kinitx qiegħda taġixxi għall-vantaġġ jew għall-iskapitu ta' xi parti jew oħra.

54. Ir-rikorrent ma pprovda l-ebda motivi oħra għalfejn, fil-fehma tiegħu, kien hemm ksur ta' dan il-prinċipju, u għalhekk il-qorti ma ssibx li hemm raġuni għalfejn għandha tilqa' l-ilment tiegħu.

**Konklużjoni**

55. Il-qorti ma ssibx li l-qrati kriminali kkawżaw xi preġudizzju lir-rikorrent; anzi ttrattawh korrettament u skont il-liġi, u fl-aġir tagħhom ma għamlu xejn leżiv għall-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif protett mill-Kostituzzjoni u mill- Konvenzjoni Ewropea.

56. B'hekk it-talbiet tar-rikorrent qiegħdin jiġu miċħuda, bi spejjeż kontra tiegħu.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur